**19 ta' Mejju, 1997**

**Imhallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelina Braddick Southgate

## Preskrizzjoni - Assenza ta' l-Imputat mill-Qorti

*Il-preskrizzjoni tidderima l-meritu tal-kawża u l-liberazzjoni ssegwi minn tali preskrizzjoni hi deċiżjoni ta' liberazzjoni bħal deċiżjoni ta' liberazzjoni bbażata fuq nuqqas ta' provi.*

*Meta l-imputat jibqa' ma jidhirx, ma tistax titqanqal ebda kwistjoni ta' preskrizzjoni, anqas mill-Qorti* ex officio.

*Deċiżjoni rigward preskrizzjoni ma tistax, fis-sistema tagħna, tingħata minn Qorti ta' Prim'Istanza fl-assenza ta' l-imputat jew akkużat (ħlief fil-każijiet ikkontemplati fl-artikoli 374 (b) u 524 tal-Kodiċi Kriminali).*

*Skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti l-assenza ta' l-imputat jew ta' l-akkużat mill-Qorti fil-ġurnata li tingħata s-sentenza, ħlief fil-każ meta jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 374 (b) u 524, iġġib bħala konsegwenza l-ineżistenza totali kemm tas-sentenza appellata kif ukoll tas-smigħ tal-kawża li ppreċeda u ddetermina dik is-sentenza. Dan il-prinċipju japplika biss meta jkun hemm "smigħ" tal-kawża u mhux meta l-imputat qatt ma jkun deher il-Qorti. Altrimenti jkun ifisser li Qorti tkun tista' tiddeċidi*

*l-kawża u tillibera jew issib ħtija mingħajr ma tagħti liż-żewġ partijiet fil-kawża l-opportunita` li jippreżentaw il-każ tagħhom.*

*F'din is-sentenza, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat li l-fatt li l-Ewwel Qorti ma tatx l-opportunita` lill-prosekuzzjoni li ġġib il-prova ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 693 (1) (2) tal-Kodiċi Kriminali kien żball.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Carmelina Braddick Southgate talli fil-5 ta' Jannar, 1996 għall-ħabta tal-11.00 a.m. fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, (1) volontarjament kisret il-paċi pubbliku u l-bon ordni bl-għajat (2) irrifjutat li tagħti jew tat falz lil uffiċjal pubbliku, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, isimha, kunjomha, fejn toqgħod u partikolaritajiet oħra, (3) inġurjat u heddedt lil P.S. 1319 S. Galea, W.P.C. 39 C. Muscat, W.P.C. 204 M. Bugeja, W.P.C. 54 J. Borg Shephard u W.P.C. 169 W. Aquilina ilkoll persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-20 ta' Novembru, 1996 li fil-parti disposittiva tagħha tgħid sempliċement hekk:

"Peress li preskritta, liberata";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali, minnu ppreżentat fid-29 ta' Novembru, 1996 li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u li wara li din il-Qorti tisma' l-provi,

tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udejenza ta' l-14 ta' Marzu, 1997; ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Ġenerali qed jibbaża l-appell tiegħu fuq l-artikolu 413 (1) (b) (iv) (ii) tal-Kodiċi Kriminali. Hu jikkontendi li l-appellata ġiet erronjament liberata minħabba preskrizzjoni u dan bażikament għal tliet raġunijiet: fl-ewwel lok, peress li l-Ewwel Qorti qatt ma tat l-opportunita' *lill-prosekuzzjoni li tipprova li l-preskrizzjoni kienet ġiet interrotta*; fit-tieni lok għax is-sentenza ngħatat fl-assenza ta' l-*imputata*; u fit-tielet lok għax it-tielet imputazzjoni kienet tipotizza reat li hu delitt u mhux sempliċi kontravenzjoni u għalhekk lanqas perijodu ta' preskrizzjoni kien ta' sentejn, liema perijodu ċertament ma ddekorriex mill-5 ta' Jannar, 1996 sa l-20 ta' Novembru, 1996 (meta ngħatat is-sentenza);

Għall-finijiet ta' kjarezza din il-Qorti ser tirriproduċi d-diversi verbali ta' l-udjenzi quddiem il-Qorti *Inferjuri*:

14 ta' Marzu, 1996: "Meta ssejħet il-kawża *deher biss* l-uffiċjal prosekutur. Il-kawża differita għall-11 ta' April, 1996";

11 ta' April, 1996: "Meta ssejħet il-kawża deher biss l-uffiċjal prosekutur. Il-kawża differita għad-29 ta' Mejju, 1996";

9 ta' Ottubru, 1996: "Meta ssejħet il-kawża deher l-uffiċjal prosekutur. L-imputata msejħa diversi drabi ma deheritx. L-uffiċjal prosekutur informa lill-Qorti li l-imputata ma tistax tinstab. Il-kawża differita *sine die*";

20 ta' Novembru, 1996: "Meta ssejħet il-kawża deher biss

l-uffiċjal prosekutur. L-imputata msejħa diversi drabi ma deheritx. Il-kawża ġiet deċiża";

Dawn huma l-ħames verbali ta' daqstant numru ta' udjenzi quddiem il-Qorti Inferjuri. Kien biss fl-udjenza ta' l-14 ta' Mejju, 1996 li l-prosekuzzjoni esebit riferta (li kienet turi li t-taħrika tħalliet mar-raġel ta' l-appellata peress li l-istess appellata kienet imsiefra); fl-udjenzi l-oħra ma tqanqlet ebda kwistjoni ta' preskrizzjoni (ħlief, naturalment, kif appena l-Qorti, fl-20 ta' Novembru, 1996, illiberat minħabba preskrizzjoni). U efetivament <u>ma setgħet titqanqal ebda kwistjoni ta' preskrizzjoni</u>, anqas mill-Qorti <u>*ex officio*</u>, ġaladarba l-persuna mħarrka baqgħet ma dehritx. Il-preskrizzjoni tidderima l-meritu tal-kawża u l-liberazzjoni li ssegwi minn tali preskrizzjoni hi deċiżjoni ta' liberazzjoni bħal deċiżjoni ta' liberazzjoni bbażżata fuq nuqqas ta' provi. Tali deċiżjoni ma tistax, fis-sistema tagħna, tingħata minn Qorti ta' Prim'Istanza fl-assenza ta' l-imputat jew akkużat (ħlief fil-każijiet ikkontemplati fl-artikoli 374 (b) u 524 tal-Kodiċi Kriminali). Issa, huwa veru li skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti l-assenza ta' l-imputat jew ta' l-akkużat mill-Qorti fil-ġurnata li tingħata s-sentenza, ħlief fil-każ meta jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 374 (b) u 524 imsemmija, ġġib bħala konsegwenza l-ineżistenza totali kemm tas-sentenza appellata kif ukoll tas-smigħ tal-kawża li ppreċeda u ddetermina dik is-sentenza (ara f'dan is-sens **Il-Pulizija** *vs* **Zakarija Calleja**, 18 ta' Novembru, 1976; **Il-Pulizija** *vs* **Carmelo Debono**, 1 ta' Diċembru, 1977; **Il-Pulizija** *vs* **Stephen Caruana**, 24 ta' April, 1986; **Il-Pulizija** *vs* **George Fava**, 31 ta' Mejju, 1984; **Il-Pulizija** *vs* **Anthony Magri**, 6 ta' Diċembru, 1984; **Il-Pulizija** *vs* **Anne Debono** *et.*, 28 ta' Lulju, 1988; **Il-Pulizija** *vs* **Emanuel Mifsud**, 11 ta' Lulju, 1994; **Il-Pulizija** *vs* **Sharon Zammit u Philip Zammit kontestwalment** (App. 153/94), 7 ta' Settembru, 1994; u **Il-Pulizija** *vs* **Saviour Spiteri**, 25 ta' Awissu, 1995, kollha deċiżjonijiet ta' din il-Qorti). iżda, kif

ġie osservat ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-20 ta' Ottubru, 1995, fl-ismijiet **Il-Pulizija** ***vs*** **Michael Mifsud** ***et. al.***, dan japplika biss meta jkun hemm "smigh" tal-kawża. F'dan il-każ, il-kawża ma jistax jingħad li qatt bdiet tinstema' peress li l-imputata (l-appellata odjerna) qatt ma dehret il-Qorti. altrimenti jkun ifisser li Qorti tkun tist' tiddeċidi l-kawża u tillibera jew issib ħtija, mingħajr ma tagħti liż-żewġ partijiet fil-kawża l-opportunita' li jippreżentaw il-każ tagħhom. Fil-każ in diżamina l-Ewwel Onorabbli Qorti inkoriet f'żewġ żbalji: iddeterminat il-meritu tal-kawża fl-assenza ta' l-imputata u ddeterminatu mingħajr ma tat l-opportunita' lill-prosekuzzjoni li ġġib il-prova ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 693 (1) (2) tal-Kodiċi Kriminali;

Inoltre, kif tajjeb osserva l-appellant, it-tielet imputazzjoni tipotizza delitt (artikolu 95, Kap. 9). Għar-raġuni miġjuba mill-Avukat Ġenerali fir-rikors tiegħu u riportata aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-azzjoni riferibbilment għal din l-imputazzjoni ċertament ma kinitx preskritta;

L-appell ta' l-Avukat Ġenerali, għalhekk jimmerita li jiġi akkolt. Il-Qorti, iżda ma jidhrilhiex li għandha tisma' hi l-provi, inklużi l-provi dwar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni u dan sabiex ma tipprivax lill-appellata mill-benefiċċju tad-doppju eżami;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-appell ta' l-Avukat Ġenerali billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna li l-atti tal-kawża jiġu mibgħuta lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex din, wara li tisma' lill-partijiet, tiddeċidi skond il-liġi fuq l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellata.

---